il-Gżejjer

IS-SITT SENA APRIL 1977 Nru. 68

# Il-Ministru ta' l-Industriji Parastatali u tal-Poplu fetaħ uffiċjalment fabbrika ta' l-irħam



Il-Ministru Danny Cremona u l-Ministru Freddie Micallef qed jaraw irħama prodott tal-fabbrika. Jidher ukoll il-Ministru n-Nutar Ġużè Abela li kien preżenti wkoll għall-ftuħ tal-fabbrika li tinsab fl-Imqabba.

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA

# ....fil-qosor

## IŻ-ŻJARA TA' LORD MOUNTBATTEN



Matul iż-żjara tiegħu f'Malta ta' dan l-aħħar l-Ammirall tal-Flotta Ingliża l-Earl Mountbatten ta' Burma kellu laqgħat mal-President tar-Repubblika l-Avukat Anton Buttigieg u mal-Prim Ministru is-Sur Dom Mintoff.



## ŻJARA TA' DELEGAZZJONI MILL-KAMRA TAL-KUMMERĊ U TA' L-INDUSTRIJA TAL-KUWAIT

Id-Delegazzjoni mill-Kamra tal-Kummerċ u ta' l-Industrija tal-Kuwait dan l-aħħar kellha laqgħa finali fil-Ministeru tal-Kummerċ li fiha ġew studjati l-miżuri u l-inizjativi fl-oqsma ta' promozzjoni tal-Kummerċ, "Joint-ventures", bini ta' vapuri, tiswijiet ta' vapuri u turiżmu li dwarhom sar ftehim mad-delegazzjoni Maltija matul iż-żjara tagħhom.

Minuti li dwarhom qablu ż-żewġ naħat u li jinkorporaw dawn il-miżuri ġew iffirmati mill-mexxejja tad-Delegazzjonijiet rispettivi, u s-Sur R. Stivala, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Kummerċ u E. T. Mr Abdul Aziz Al Sagar, President tal-Kamra tal-Kummerċ u ta' l-Industrija tal-Kuwait.

## DELEGAZZJONI MIR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-JUGOSLAVJA

Delegazzjoni Jugoslavja li kienet hawn Malta biex tistudja possibiltajiet ta' investiment industrijali bejn intrapriżi Maltin u Jugoslavi kellha laqgħa ma' l-Onor. Wistin Abela, Ministru ta'



l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet. F'din il-laqgħa d-delegazzjoni ingħatat tagħrif dwar id-diversi aspetti tax-xogħol tagħha. Wara din il-laqgħa saru taħditiet mad-Delegazzjoni Maltija mmexxija mis-Sur R. Stivala, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Kummerċ, u komposta minn rappreżentanti mill-Ministeru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekommunikazzjonijiet, mill-Ministeru ta' l-Affarijiet tal-Commonwealth u Barranin, mill-Ministeru ta' l-Industriji Parastatali u tal-Poplu, mill-Malta Drydocks Corporation, u mit-Taqsima ta' l-Ippjanar Ekonomiku.

Minbarra l-programm uffiċjali għall-Missjoni Jugoslava, it-taħditiet koprew diversi aspetti ta' l-ekonomija Maltija li huma rilevanti għat-twaqqif ta' "joint ventures" f'Malta.

Id-Delegazzjoni ltaqgħet ukoll mal-Onor. Danny Cremona, Ministru ta' l-Industrija, Sajd



u Biedja. Hawnhekk id-Delegazzjoni kienet akkumpanjata mis-Sur Maurice Lubrano tal-Ministeru tal-Commonwealth u Affarijiet Barranin. Huma iddiskutew mal-Ministru materji li jikkonċernaw kemm il-biedja u s-sajd kif ukoll l-industrija. Waqt il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll uffiċjali mill-Ministeru, fosthom is-Sur Oliver Vella, Direttur ta' l-Agrikoltura, is-Sur George Carbone, Uffiċjal Tekniku Anzjan, u s-Sur Salvu Borg, Uffiċjal Eżekuttiv.



## PREŻENTAZZJONI MILL-MINISTRU TA' L-EDUKAZZJONI

Nhar l-Ħamis, 17 ta' Marzu, l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Philip Muscat qassam il-premjijiet lill-istudenti ta' l-Iskola Sekondarja Għolja tal-Belt.

Il-Ministru, Philip Muscat, qal li l-Gvern permezz ta' l-iskejjel tiegħu qiegħed joffri għażla sabiħa ta' tagħlim għal kulħadd skond il-kapaċitajiet intelletwali ta' kull tifel jew tifla. Fejn qabel kienu l-ftit li jirnexxielhom jimxu 'l quddiem minħabba nuqqas ta' opportunitajiet, illum għandna sistema fejn fl-edukazzjoni kulħadd għandu jsib il-livell tiegħu fejn ikun tajjeb biex jagħti sehemu skond il-kapaċitajiet tiegħu. Huwa qal li kien għalhekk li l-età ta' l-edukazzjoni obbligatorja saret ta' sittax-il sena, għalkemm kultant insibu xi ġenituri li jfixxklu minflok ma jħeġġu lil uliedhom biex jimxu 'l quddiem fit-tagħlim.

Waqt li kkummenta dwar ir-riżultati sodisfaċenti ta' l-istudenti ta' din l-iskola, huwa qal li huwa tajjeb li wieħed jgħaddi mill-eżamijiet, iżda huwa mportanti ħafna li l-istudent ikun jaf għalfejn qiegħed jistudja. Huwa importanti li l-istudenti jorjentaw ruħhom għall-ħajja fl-industrija, fit-turiżmu, fil-qasam tax-xogħol. Dan biex meta jispiċċa l-kors l-istudent ma jkollux għalfejn joqgħod iħabbel moħħu fejn ser imur jaħdem, billi dan it-taħbil ta' moħħ isir minn żmien qabel. Hekk dan jaqbad l-istudji li jwassluh għal dik il-karriera jew professjoni li jkun għażel. Irridu nibdew naraw l-istudenti jmorru fuq il-postijiet tax-xogħol, ħalli jaraw liema post huwa tajjeb għalihom, imbagħad meta jiġu lura jiddiskutu bejniethom dak li jkunu raw u d-diffikultajiet u l-esperjenzi li jkunu ltaqgħu magħhom biex b'hekk l-għażla tkun aħjar. Irridu li l-għalliema wkoll jinvolvu ruħhom f'dan l-orjentament billi ma' l-istudenti jaqraw u jifhmu l-pjanijiet ekonomiċi tal-Gvern, it-tibdiliet politiċi, iċ-ċirkostanzi ekonomiċi u liema huma l-karrieri u l-bżonnijiet li se jkollu l-pajjiż biex l-istudenti jaqbdu l-linji tant meħtieġa mill-pajjiż.

Meta tkellem dwar l-għajnuna finanzjarja għall-istudenti l-Ministru qal li kien dan il-Gvern li għal l-ewwel darba għamel ix-xogħol tas-sajf għall-istudenti fejn ħadmu 1,540 student ta' 'l fuq minn tmintax-il sena. B'hekk għadd ta' studenti qalgħu l-flus. Hija politika tal-Gvern li jagħti għajnuna lil min jaħdem għaliha, u mhux ta' xejn għax jekk nagħtu għajnuna ta' xejn inkunu qed nirvinaw lill-istudenti.

Il-Ministru kompla jgħid li kif il-premjijiet ingħataw lil dawk li studjaw, li stinkaw, li ħadmu, hekk ukoll għandna ngħinu lil min jgħin lilu nnifsu. Huwa qal li anke l-istudenti ta' l-Università li qed jitolbu l-grants issa fehmu li trid taħdem biex inti tieħu dak li jistħoqqlok. Fuq kollox m'hemm l-ebda garanzija li, jekk l-istudenti jingħataw għajnuna f'forma ta' flus, dawn jonfquhom f'affarijiet li jagħmlulhom il-ġid.

Għalhekk huwa mportanti li qabel ma tingħata xi għajnuna il-Gvern jistudja sewwa l-kwistjoni. Huwa għalhekk li huwa qiegħed jiltaqa' ma' delegazzjonijiet minn diversi għaqdiet studenteski kif ukoll irċieva delegazzjoni mill-Università li ressqet memorandum. Meta tkellem dwar ix-xogħol tas-sajf, huwa qal li l-Gvern ma jistax joffri xogħol tas-sajf għall-istudenti li jagħlqu s-sittax-il sena, għax ikun irid jipprovdi xogħol għal aktar minn tmint elef ruħ, iżda dawn l-istudenti xorta jistgħu jfittxu xogħol ma' ditti privati. Fuq kollox l-industrija privata għandha tgħin ukoll, għax mhux sewwa li hija ssib il-manpower ittrenjat u lest u ma tagħmel xejn biex tgħin. Fl-istess ħin l-industrijalist jaqbillu jibda jħaddem xi studenti għal xi żmien għax b'hekk hu jkun jista' jagħżel l-aħjar u min hu l-aktar addattat biex jaħdem miegħu 'l quddiem. Minn naħa l-oħra l-istudenti, barra li jaqilgħu xi ħaġa talflus, meta jispiċċaw l-istudji tagħhom, ikunu jistgħu jieħdu posthom fuq ix-xogħol faċilment.

Il-Ministru temm jgħid li huwa għandu fiduċja sħiħa fil-ġenerazzjoni li tiela' u huwa ċert li jekk l-istudenti jifhmu l-iskopijiet li għandu l-Gvern, ma jistgħux ma jagħmlux Malta aħjar, Malta li tkompli tagħti sehemha mhux biss lilha nfisha imma anke lid-dinja kollha.

### SKEMA TA' XOGĦOL FIS-SAJF GĦALL-ISTUDENTI

Il-Gvern għamilha ċara bosta drabi li wieħed mill-prinċipji importanti fis-settur edukattiv, huwa li l-istudent jagħraf id-dinjità u l-valuri tax-xogħol u l-kontribuzzjoni li jista' jagħti lis-soċjetà bix-xogħol ta' l-id.

Biex jimxi ma' din is-sistema u fl-istess ħin joffri għajnuna finanzjarja lill-itudenti, il-Gvern, għal darb'oħra qiegħed joffri xogħol lill-istudenti li jkollhom tmintax-il sena jew aktar, matul il-vaganzi tas-sajf.

Dawk l-istudenti li jikkwalifikaw għal din l-iskema jibdew jaħdmu fil-bidu ta' Lulju u jispiċċaw f'nofs Settembru. Il-pagi għal dan ix-xogħol ikunu bbażati fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa u fuq il-paga minima nazzjonali.

Biex il-Gvern ikun jista' jifformula programm għal dan l-iskema, dawk l-istudenti li jixtiequ jidħlu f'din l-iskema huma mitluba jimlew l-applikazzjoni li tista' tinkiseb mill-iskejjel tagħhom.

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu sa nofs-in-nhar tal-Ġimgħa, 15 ta' April, 1977 lis-Segretarju, Ministeru ta' l-Edukazzjoni wara li jkunu għaddewhom lill-Kap ta' l-Iskola rispettiva tagħhom.

# PROĠETT TA' SIWI KBIR MILL-MINISTERU TAX-XOGĦLIJIET

## IR-RIMI TAD-DRENAĠĠ F'QIEGĦ IL-BAĦAR

### F'MALTA

F'Wied Għammieq, jaqa' d-drenaġġ ta' parti kbira minn Malta li jkun ġej sa minn postijiet bħal Baħar iċ-Ċagħaq, Naxxar, Balzan, Rabat, Siġġiewi, Żurrieq, B'Bugia, Marsaxlokk, Wied il-Għajn, il-Belt u tas-Sliema.

Id-drenaġġ, li hu eħfef mill-ilma baħar, jibqa' fil-wiċċ u jifforma roqgħa kerha u maħmuġa li timxi skond 'il fejn ikun qed jonfoħ ir-riħ.

Hawnhekk ta' min isemmi li d-drenaġġ f'Malta huwa konċentrat ħafna, mqabbla ma pajjiżi oħra. Dan għax f'pajjiżna, il-konsum tal-ilma huwa relattivament baxx u għalhekk id-drenaġġ ma tantx jitħallat ma ilma ieħor hekk kif ikun għaddej mill-katusi tad-drenaġġ.

Il-Gvern, permezz tal-Ministeru tax-Xogħlijiet immexxi mill-Onor. Lorry Sant b'għajnuna teknika mill-World Health Organisation, qiegħed jieħu ħsieb biex iseħħ proġett ta' rimi tad-drenaġġ f'qiegħ il-baħar 'il barra minn Wied Għammieq b'sistema moderna, effiċjenti u ekonomika.

F'din is-sistema, id-drenaġġ jibda jiġi mormi minn pipe mqiegħed f'qiegħ il-baħar li fin-naħa tat-tarf tiegħu jkollu toqob mqassma f'tul ta' 450 pied li minnhom joħroġ id-drenaġġ f'fond ta' 120 pied: b'hekk id-drenaġġ jinfirex ġo volum ikbar ta' baħar.

B'hekk, mhux biss ma jibqa' l-ebda traċċja tad-drenaġġ, iżda wkoll l-organiżmi li jinstabu fid-drenaġġ li jistgħu jagħmlu ħsara lill-bniedem, kważi kollha jmutu sakemm id-drenaġġ jasal f'wiċċ il-baħar.

Ix-xogħol f'Wied Għammieq jikkonsisti fil-kommunikazzjoni mal-mina l-qadima tad-drenaġġ, il-bini ta' "grit trap" li fiha jitneħħa t-trab li jista' jimblokka l-pajp ta' taħt il-baħar, l-installazzjoni ta' żewġ "communutors" li jqattgħu kull ma jkun hemm fid-drenaġġ biex żgur ma jibqa' jidher xejn meta jasal f'wiċċ il-baħar, u bini ta' "Pumping Station".

Il-proġett jinkludi wkoll it-tqegħid ta' 830 pied ta' pipe ta' diametru ta' tlett piedi u nofs, tal-Asbestos Cement ma' qiegħ il-baħar, u tul ieħor imqabbad miegħu ta' 2,400 pied pipe tal-High Density Polyethylene b'diametru ta' tlieti piedi f'qiegħ il-baħar. Ix-xogħol fuq il-pipe tal-Asbestos Cement tlesta waqt li l-welding tal-pipe tal-High Density Polyethylene tlesta wkoll u l-għaxar tulijiet ta' din il-pipe ta' 240 pied il-wieħed. tqiegħed f'qiegħ il-bajja tar-Rinella sakemm jintrefgħu u jitqiegħdu f'qiegħ il-baħar 'il barra minn Wied Għammieq. L-ewwel 400 pied minn dan il-pipie għandhom jiġu imqiegħdin fi trinka li sejra tiġi mħaffra bl-isplussivi fil-blat u mħammla bil-"bucket dredger" tad-Dipartiment tal-Portijiet.

### F'GĦAWDEX

F'Għawdex ukoll il-Gvern, permezz tal-Ministeru tax-Xogħlijiet qed iwettaq proġett eżatt bħal dak ta' Wied Għammieq, f'Malta.

F'Għawdex, is-sistema preżenti tar-rimi tad-drenaġġ tikkonsisti filli 'l fuq minn 80% tad-drenaġġ kollu tal-gżira jiżbokka f'wiċċ il-baħar f'post imsejjaħ Ras il-Ħobż li jikkonsisti fi blata sporġuta 'l barra 'l bogħod mill-kosta fil-lbiċ ta' Għawdex.

Hawnhekk saru l-istudji u l-investigazzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat li s-sistema li se ssir tkun waħda effiċjenti bħal fil-każ ta' Malta.

Ix-xogħol ta' taħt il-baħar f'Ras Il-Ħobż f'Għawdex beda f'nofs ix-xahar li għadda. Sadanittant ix-xogħol ta' bini fuq l-art bħal titjir ta' blat, tħaffir ta' trinek eċċ. kien beda għall-aħħar ta' Frar.

Fuq dawn iż-żewġ proġetti qegħdin jaħdmu ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, il-Korp tal-Pijunieri, Dirgħajn il-Maltin, Ħaddiema Awżiljari kif ukoll għaddasa tal-Forzi Armati ta' Malta għax-xogħol ta' taħt il-baħar. Qegħdin ukoll jitħarrġu għaddasa oħra għax-xogħol tat-tqegħid tal-pipe f'qiegħ il-baħar li għandu jsir fis-sajf.

B'dan il-proġett, il-Gvern bis-saħħa tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport taħt l-Onorevoli s-Sur Lorry Sant, sejjer ikun solva problema kbira li ilha magħna minn mindu ġiet mibnija s-sistema tad-drenaġġ f'dawn il-gżejjer.

# IS-SIĠAR: Ħbieb tal-Bniedem



**IS-SIĠAR** huma ta' ħtieġa għaliex irawwmu l-ossiġinu li l-bniedem jinħtieġ li jieħu man-nifs tiegħu. Matul sena, Ħektar, (2,990 qasba kwadru) siġar żgħar jipproduċu biżżejjed ossiġinu sabiex iżommu ħamsa u erbgħin bniedem ħajjin.

**IS-SIĠAR** iżommu l-arja dejjem friska u jġeddu l-ħażna tagħha billi jużaw il-'Carbon-dioxide' fl-arja ħażina li jarmi l-bniedem man-nifs tiegħu, u f'dik tal-fabbriki, tal-magni u tal-inġenji.

**IS-SIĠAR** jużaw il-pil fin tal-wiċċ ta' werqathom bħala xibka sabiex jaqbdu l-ġmied, trab irqieq u ntietef oħra li jittajru u jniġġzu l-arja, ħalli jsaffuha.

**IS-SIĠAR** iservu sabiex bihom ikun magħruf il-livell ta' tinġiż tal-'dioxide-sulfuriku' fl-arja.

**IS-SIĠAR** idgħajjfu bl-ossiġinu li jarmu kull tinġiż ta' gassijiet ħżiena fl-arja u jnaddfu l-arja għas-saħħa tal-bniedem.

**IS-SIĠAR** jatuna bla waqfien prodotti ta' njam għall-bini, għall-għodod, għall-għamara u bżonnijiet oħra, kif ukoll jatuna ċelluloża għall-karti, fibri, lews, żjut, frott, sufri u materjali għall-affarijiet ta' ħtieġa għall-ħajja u għall-għixien tal-bniedem u ħlejjaq.

**IS-SIĠAR** huma għana u ġid naturali għall-bniedem.

**IS-SIĠAR** ibaxxu t-temperatura tal-arja billi jużaw l-enerġija tax-xemx li biha jixorbu fil-weraq tagħhom, u jaħżnu umdità żejda fl-atmosfera, u b'hekk itejjbu l-arja; b'hekk ukoll iġegħlu ssir preċipitazzjoni li żżomm il-ħamrija niedja.

**IS-SIĠAR** idgħajjfu u jnaqqsu il-qawwa tal-irjieħ u r-rwiefen, u jservu bħala tarka kontra l-elementi.

**IS-SIĠAR** jipprovdu ikel għall-bniedem u muna għat-tjur, għall-bhejjem, għall-ħlejjaq u l-ħajja indiġena; huma kenn minn elementi ta' sħana u kesħa; jipprovdu kura għall-bniedem billi jqawwuh indirettament fil-pulmuni bl-ossiġinu meħtieġ għan-nifs u għat-tisfija tad-demm.

**IS-SIĠAR** inaqqsu u jtaffu t-tinġiż tal-ħsejjes billi jservu ta' purtiera kontra l-ħsejjes; kull tletin metru wesa' ta' msaġar idgħajfu bejn 6 u 8 deċibelli fl-intensità ta' ħsejjes.

**IS-SIĠAR** iroddu fil-ħamrija bit-tmermir tal-weraq tagħhom, il-minerali meħtieġa, u jistagħnuha b'demel naturali ħalli jkattrulha s-saħħa.

**IS-SIĠAR** iżommu u jorbtu bl-egħruq tagħhom il-ħamrija f'lokha, u jħarsuha kontra l-ħala ta' tħammil li jikkaġuna l-ilma tal-wied u tal-ħamla, u ma' jħallux it-trab jinġarr u jintilef.

**IS-SIĠAR** itaffu l-għeja, jatu benna, saħħa u serħ fil-fisika tal-bniedem; huma jiffriskawlu l-moħħ kemm fisikament kif ukoll psikoloġikament.

**IS-SIĠAR** jagħtu dehra ta' varjetà bla qies fis-sbuħija fil-ħdura, fl-għamla u fl-ilwien tagħhom, speċjalmentwaqt il-bidla tal-istaġuni; huma jserrħu u jferrħu bil-fwieħa taż-żahar, isebbħu u jgħinu l-ambjent u l-ekoloġija tal-art, iżejjnu il-kampanja, l-ibliet u l-irħula, huma l-għaxqa tal-ġonna u joffru passatemp ta' saħħa u ta' tagħlim.

# SPORTS

## IL-MINISTRU TAX-XOGĦLIJIET U SPORT F'LAQGĦA MAL-KURUNELL GIANPIERO CASCIOTTI



Dan l-aħħar il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, l-Onor. Lorry Sant kellu laqgħa mall-Kurunell Gianpiero Casciotti.

Sig. G. Casciotti li huwa Kurunell fl-Armata Taljana hu kap taċ-Ċentru Sportiv ta' l-Armata Taljana. Huwa ġie Malta wara li l-Ministru Sant kien iddiskuta l-organizzazzjoni ta' l-isport f'Malta bl-iskop li jiġi mwettaq il-programm tal-Gvern li jipprovdi Sport għal kulħadd f'pajjiżna.

Il-Kurunell G. Casciotti ġie inkarigat mill-awtoritajiet ta' l-Armata Taljana biex jara x'inhuma l-bżonnijiet tagħna u kif nistgħu niġu mgħejjuna fl-organizzazzjoni ta' li Sport.

It-taħditiet bejn il-Ministru Lorry Sant u l-Kurunell G. Casciotti kienu jittrattaw ukoll dwar għajnuna fl-infrastruttura, instructors u apparat.

Waqt iż-żjara tiegħu f'Malta l-Kurunell G. Casciotti ġie mdawwar ma' pajjiżna mis-Sur Karm Borg u l-Maġġur P. Ripard tal-Forzi Armati ta' Malta, żewġ uffiċjali li qed jgħinu lill-Ministru fl-organizzazzjoni ta' Sport għal Kulħadd.

Il-miġja tal-Kurunell G. Casciotti f'Malta kienet possibbli bil-għajnuna tal-General G. Piovano u l-General di Divisione Giuseppe Poli.

## IL-COACH ĊINIŻ TAL-BADMINTON IŻUR IL-MINISTRU TA' L-EDUKAZZJONI

Dan l-aħħar il-Coach Ċiniż tal-Badminton, Mr Shan, u l-interpretu tiegħu, Mr Lee għamlu żjara ta' kortesija lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Philip Muscat.

Il-Ministru, filwaqt li laqa' lil dawn, qalilhom li qiegħed jieħu pjaċir jiltaqa' magħhom għall-ewwel darba u rringrazzja lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li bagħthom hawn biex iħarrġu lill-Maltin, speċjalment lit-tfal ta' l-iskejjel f'dan l-isport.

Mr Shan fit-tweġiba tiegħu qal li huwa ta' sodisfazzjon għalih li ngħata l-opportunità li jżur l-iskejjel u jintroduċi l-logħba tal-Badminton fuq bażi soda fost l-istudenti.

Dan il-coach ser jattendi f'ħames skejjel differenti fil-ġimgħa biex jagħti lezzjonijiet tal-Badminton. B'hekk matul is-sitt xhur li ġejjin hu se jdur numru kbir minn dawn l-iskejjel.

* * *

## KOMPETIZZJONI MILITARI TAL-"FOOTBALL"

Il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport is-Sur Lorry Sant jixtieq juri l-apprezzament tiegħu għad-donazzjoni spontanja li għamlet id-Ditta C. Azzopardi & Sons, Jewellers, ta' 18, Zachary Street, Valletta li ġentilment offriet Shield tal-Fidda. Din ix-shield se tingħata lit-team rebbieħ fil-kompetizzjoni tal-Football tal-Forzi Armati li tiftaħ fit-18 ta' April, 1977.

Din il-kompetizzjoni qed issir fuq inizjattiva u taħt l-awspiċi tal-Ministru ta' l-Isports u fiha se jipparteċipaw teams tas-servizzi mill-Italja, Ingilterra, Libja u Malta.

* * *

## KOMPETIZZJONI TAT-TABLE TENNIS

Bil-għan li jkompli jkabbar il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sportivi għal kulħadd, il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, l-Onor. Lorry Sant għadu kemm ta direttivi biex jingħata inċentiv akbar lill-isport li jintlagħab ġewwa.

L-għaqdiet sportivi kollha wrew interess f'dan ir-rigward biex jikkolaboraw. Għaldaqstant se tiġi organizzata kompetizzjoni tat-Table Tennis mill-Ministeru ta' l-Isport bil-ko-operazzjoni tal-Malta Table Tennis Association.

Jekk issirx Teams Competition u/jew Individual Event Competition jiġi deċiż minn numru ta' parteċipanti li japplikaw biex jieħdu sehem.

**Team Event**

Jekk issir kompetizzjoni għat-teamijiet, kull team irid ikun magħmul minn 4 players u żewġ players oħra jridu jkunu reġistrati bħala reserves ma' l-istess team. Din il-kompetizzjoni tintlagħab fuq is-sistema ta' Davis Cup jiġifieri erba' logħbiet single u waħda doubles. In-nisa jistgħu jagħmlu parti minn kwalunkwe team.

**Individual Event**

L-event tas-Singles isir skond in-numru ta' l-applikanti kemm irġiel u kemm nisa.

Il-kumitat organizzattiv, jista' jekk jidhirlu xieraq jissidja il-players jew it-teamijiet kif ukoll jista' jaqsam il-league f'diviżjonijet skond l-età.

Applikazzjonijiet bil-miktub iridu jaslu għand is-Segretarju tal-Kompetizzjoni tat-Table Tennis, Ministeru ta' l-Isport, Beltissebħ **mhux aktar tard mill-15 ta' April, 1977.**

Dawn għandhom jinkludu l-isem, l-indirizz u d-data tat-twelid ta' kull applikant li jagħmel parti mit-team kif ukoll l-isem tal-Club li dak it-team ikun se jirrappreżenta.

* * *

## KOMPETIZZJONIJIET TAL-FOOTBALL

Ħamsa u tletin skola Primarja qegħdin jieħdu sehem fil-league tal-football bejn l-iskejjel li qiegħed jiġi sponsorjat minn Gasan Enterprises Ltd. It-teams ta' l-iskejjel huma mqassma f'sitt sezzjonijiet. Ir-rebbieħ ta' kull sezzjoni mbagħad jilgħab fuq sistema ta' knock-out għar-rebħ taċ-Championships.

L-iskejjel li qed jieħdu sehem huma:—

**Sezzjoni A:** Msida, Mellieħa, Rabat, St Julians, M'Xlokk.

**Sezzjoni B:** Qormi S.G., Tarxien, Żabbar, Mġarr, Cospicua, Ħamrun S.S.

**Sezzjoni C:** Paola, Ħamrun V.A., Fgura, Floriana, San Ġwann, Pietà.

**Sezzjoni D:** Għaxaq, Lija, Mosta, Valletta, Vittoriosa, Qormi S.S.

**Sezzjoni E:** B'Bugia, Sta. Venera, Senglea, Gżira, Żejtun.

**Sezzjoni F:** Marsa, Sliema, B'Kara, Żurrieq, Żebbuġ, Luqa.

Disa' Skejjel Primarji f'Għawdex qed jieħdu sehem fil-League. It-teams li qed jieħdu sehem huma:—

Għajnsielem, Qala, Sannat, Żebbuġ, Kerċem, Nadur, Victoria u Xagħra.

## LEAGUE TAN-NETBALL

Nhar il-Ħadd 20 ta' Marzu sar il-ftuħ uffiċjali tal-League tan-Netball li hu organizzat mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport taħt l-awspiċi tal-Ministru l-Onor. Lorry Sant.



Fil-programm tal-ftuħ li sar filgħodu ħadet sehem il-banda ta' l-Iscouts tal-Marsa. Il-Ministru Sant iltaqa' mat-12-il team li ipparteċipaw fil-logħbiet ta' dak in-nhar. Wara intlagħbu l-ewwel sitt logħbiet.

Sadanittant nhar il-Ġimgħa ta' qabel fil-Marsa, ġew imlaqqa' d-delegati tat-teamijiet tan-Netball biex jiddiskutu r-regolamenti tal-league. Is-36 team, li jieħdu sehem, minn fost dipartimenti tal-Gvern, setturi parastatali u assoċjazzjonijiet oħra, wrew entużjażmu kbir u hu maħsub illi dan il-league se jkompli jżid mas-suċċessi tal-Kompetizzjonijiet li qed jiġu organizzati mill-Ministru ta' l-Isport.

Fil-qasam ta' l-Iskejjel Primarji tal-Bniet wieħed u tletin skola qed jieħdu sehem fil-League tan-Netball li qed jiġi sponsorjat mill-Canada Dry. It-teams huma mqassma f'ħames sezzjonijiet. Ir-rebbieħ ta' kull sezzjoni jilgħab f'knock-out competition.

It-teams huma:—

**Sezzjoni A:** Fgura, Gudja, M'Xlokk, Paola, Senglea, Tarxien, Żejtun.

**Sezzjoni B:** B'Bugia, Għaxaq, Luqa, Marsa, Vittoriosa, Żurrieq.

**Sezzjoni C:** Gżira, Mġarr, Naxxar, Siġġiewi, S. Ġwann, Żebbuġ.

**Sezzjoni D:** B'Kara, Ħamrun S.S., Qormi S.G., Sliema, St Paul's Bay, Sta. Venera.

**Sezzjoni E:** Dingli, Ħamrun V.A., Lija, Mellieħa, Msida, Qormi S.S.

F'Għawdex disa' skejjel qed jieħdu sehem f'League tan-Netball għat-teams Għawdxin. It-teams li qed jieħdu sehem huma:—

Nadur, Sannat, Victoria, Xagħra, Żebbuġ, Għarb, Kerċem, Qala, Xewkija.

Bħalissa dawn il-leagues jinsabu mexjin sewwa u mistenni li l-Finals kollha jsiru għal nofs Mejju.

# MALTA DECORATIVE GLASS CO. LTD.



Il-Malta Decorative Glass Co. Ltd. ▲

Il-Kumpanija ġiet iffurmata bħala riżultat dirett tal-ftehim li kien intlaħaq bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

Grupp ta' esperti Ċiniżi waslu hawn Malta f'Jannar ta' l-1974 biex fabbrika li diġa' kienet teżisti tiġi addatata f'fabbrika fejn jinħadem il-ħġieġ.

F'Awissu ta' l-1974 inbeda perijodu ta' taħriġ li matulu ħaddiema Maltin ġew mgħallma t-teknika tax-xogħol tal-ħġieġ.

Mill-ewwel dehret l-abbilita tal-ħaddiem Malti li jitgħallem bil-ħeffa u li jaddatta ruħu għal teknika ġdida. Dwar dan irrimarkaw kemm l-esperti Ċiniżi kif ukoll viżitaturi distinti li żaru 'l fabbrika.

Il-'Glasshouse' moderna ġiet iddisnjata għal ta' l-apposta b'mod li taħseb fis-saħħa tal-ħaddiema u hija arjuża u spazjuża. Il-fabbrika għandha ventilazzjoni tajba ħafna u hija armata b'mod li tipproteġi l-ħaddiema. Il-fabbrika tinsab fl-'Industrial Estate' tal-Marsa u tkopri kważi 28,000 pied kwadru.

Ix-xogħol isir b'żewġt ifran li kull wieħed minnhom jieħu seba' borom li fihom jiġi maħlul il-ħġieġ. Kull borma tesa' 120 kilogramm ta' ħġieġ.

B'hekk il-Kumpanija għandha l-flessibilità li tagħmel ħġieġ ta' bosta kuluri differenti waqt li t-teknika li tintuża tippermetti l-iffurmar ta' ħġieġ permezz ta' nfiegħ, jew bl-idejn jew inkella bil-forma.

Sa mill-ewwel ġranet il-Kumpanija intefgħet fuq pjan ta' studju tas-swieq biex issib postijiet fejn tista' tesporta u toħloq disinji li jogħġbu x-xerrejja fl-Ewropa. Issa wara ħafna xogħol jidher li din il-politika bdiet tagħti l-frott billi l-Kumpanija tinsab f'pożizzjoni ta' preparamenti finali biex tintroduċi disinji ġodda b'kuluri speċjali fis-swieq kemm ta' l-Ewropa kif ukoll ta' l-Amerika ta' Fuq.

Is-serje ġdida ta' disinji dalwaqt tiġi ntrodotta fis-suq lokali u l-Kumpanija diġà qed taħdem 'sample orders' għar-Renju Unit u għall-Amerika.

Fost il-prodotti tal-Kumpanija nsibu 'ashtrays' 'paperweights' važuni, annimali, figurini ta' għasafar u ħut, fliexken dekorattivi u tazzi.

Wara biss sentejn u nofs minn mindu daħlet f'fabbrika vojta il-Kumpanija llum tista' tiftaħar li għandha nies tas-snajja' li se jkunu nukleju ta' fabbrika tal-ħġieġ.



Il-prodotti tal-Kumpanija għal wiri. ▲



Ix-xogħol isir b'żewġt ifran li kull wieħed minnhom jieħu seba' borom li fihom jiġi maħlul il-ħġieġ. ▼





Il-Kumpanija tista' tiftaħar li għandha nies tas-Snajja' — in-nukleju tal-fabbrika. ▼

# KULTURA......

## PROGRAMM MUŻIKALI GĦALL-ĦADDIEMA



L-Orkestra tat-Teatru Manoel immexxija mis-Surmast Joseph Sammut nhar l-10 ta' Marzu kienet tat programm mużikali għall-ħaddiema kollha tal-fabbrika JANSTORP INTERNATIONAL (MALTA) LTD. fil-qasam industrjali ta' Bulebel.

Dan il-programm mużikali huwa parti minn sensiela ta' attivitajiet kulturali li ġew organizzati mill-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura fuq inizjattiva tal-Ministru Agatha Barbara bil-għan li l-ħaddiema jkollhom ukoll l-opportunità biex jibdew japprezzaw l-arti mużikali fuq il-post tax-xogħol tagħhom stess.

Ta' min igħid li ż-żewġ programmi mogħtija s'issa mill-Orkestra tat-Teatru Manoel ġew milqugħa tajjeb ferm kemm mill-ħaddiema ta' Simonds Farsons Cisk Ltd., kif ukoll minn dawk tal-Malta Rubber.

* * *

## PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU

Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura kompla bir-raba' programm Mużiko-Letterarju fis-sensiela ta' attivitajiet kulturali msejħa "Siegħa Flimkien" fis-Sala Parrokkjali tal-Birgu.

Il-Programm "Siegħa Flimkien" jiġbor fih siltiet letterarji minn diversi awturi Maltin magħżulin bil-ħsieb li jinteressaw lill-maġġuranza tal-poplu bil-għan li aktar nies jibdew japprezzaw iżjed l-ilsien Malti.

Il-preżentazzjoni ta' dan ix-xogħol letterarju kienet fdata f'idejn l-attur magħruf Godwin Scerri megħjun minn Teresa Micallef, Marlene Dimech flimkien ma' Albert Marshall, filwaqt li mużiċisti mill-Orkestra tat-Teatru Manoel ħadu ħsieb l-espressjoni mużikali.

## KUNĊERT ORKESTRALI

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Marzu, il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura flimkien mal-Kumitat tat-Teatru Manoel ippreżenta Kunċert Orkestrali fis-Sala Parrokkjali, Triq it-Torri, San Pawl-il Baħar.

Dan kien is-sitt wieħed minn sensiela ta' programmi mużikali li qed jiġu organizzati mill-Kunsill tal-Kultura bil-għan li l-Kultura tibda titgawda minn kulħadd f'kull belt u raħal.

F'dan il-Kunċert, l-Orkestra tat-Teatru Manoel immexxija mill-Mro. Joseph Sammut, daqqet xogħlijiet klassiċi, siltiet minn "musicals" popolari kif ukoll siltiet klassiċi li dan l-aħħar saru popolari b'arranġamenti moderni, u daħlu fil-klassifika ta' "l-aqwa tal-mument".

Il-Kunsill tal-Kultura jixtieq iħeġġeġ lill-pubbliku ta' kull fejn isir kunċert minn din is-sensiela biex jattendi bl-iskop li aktar nies jibdew japprezzaw l-arti mużikali. Id-dħul huwa b'xejn.

* * *

## ESIBIZZJONI TAL-FOTOGRAFIJA F'ĦAL LIJA

Il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura organizza t-tielet mis-serje ta' Esibizzjonijiet ta' Fotografija; din id-darba fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ fi Triq Prinċipali Ħal Lija. L-Esibizzjoni kienet miftuħa mill-14 sal-20 ta' Marzu.

* * *

## L-ARKITETTURA FUQ IT-TVM

Fuq stedina tal-Kunsill tal-Kultura, d-Dipartiment ta' l-Arkitettura ta' l-Università lesta programm televisiv fuq l-Arkitettura, imqassam fi tminn puntati.

L-iskript inkiteb mill-Perit Jo Tonna, aġent Kap tad-Dipartiment, li jippreżenta l-programm hu stess. Il-programm iħares lejn l-arkitettura tal-Punent bħala ħolqien dirett ta' kultura wara l-oħra, mill-preistorja saż-żminijiet tal-lum.

Il-bini lokali li jidher fil-programm ġie iffilmjat fil-post minn Television Malta; dan iddaħħal fil-programm biex il-kultura ta' Malta tiġi msensla ma' dak li kien qed jiġri barra. Imma il-parti l-kbira tal-programm inbniet madwar kollezzjoni ta' elf "slide" u ritratti, miġbura mill-arkivji tad-Dipartiment u tal-Librerija ta' l-Università, u maħduma fil-laboratorju tad-Dipartiment.

L-ewwel puntata, "Djar l-Allat", dehret fuq it-TVM, l-Erbgħa it-23 ta' Marzu.

## WIRJA TA' L-ARTI MID-DIPARTIMENT TA' L-EDUKAZZJONI



Il-Ġimgħa 11 ta' Marzu, fl-Annexe tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt, infetħet it-tieni wirja ta' l-arti, organizzata mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Din kienet it-tieni wirja organizzata mid-Dipartiment, fis-sensiela ta' wirjiet li qed isiru f'dan il-post. Dawn il-wirjiet se jkunu mtella' minn xi skola jew grupp ta' skejjel tal-Gvern Primarji, Sekondarji, tas-Snajja' jew Istituti Tekniċi ta' Malta u Għawdex.

F'din il-wirja mtella' mill-għalliema ta' l-arti u l-istudenti ta' l-iskola sekondarja tal-bniet tal-Blata-l-Bajda kien hemm għall-wiri madwar 140 biċċa xogħol. Il-wirja damet miftuħa sa nhar is-Sibt 19 ta' Marzu, 1977.

* * *

## IR-RABA' ĠIMGĦA KULTURALI

Ir-Raba' Ġimgħa Kulturali organizzata mill-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura bdiet fir-Rabat, Malta, nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu bil-programm ta' daqq, kant, żfin u letteratura 'Mill-Ħajja Maltija'. Dan il-programm sar fis-Sala Parrokkjali u fih ħadu sehem uħud minn personalitajiet magħrufa fil-qasam letterarju, mużikali kif ukoll dak folkloristiku.

Matul il-ġimgħa saret ukoll Wirja ta' xogħlijiet ta' Skulturi, Pitturi u Fotografi mir-Rabat.

Il-Wirja li saret fil-Kappella Santu Spirtu infetħet mill-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onor. Agatha Barbara, nhar is-Sibt, 26 ta' Marzu.

* * *

## PROGRAMMI MUŻIKO-LETTERARJI GĦALL-ISTUDENTI

Nhar it-22 ta' Marzu fis-Sala tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Berġa ta' Aragona sar l-ewwel minn sensiela ta' programmi Mużiko-Letterarji għal studenti tal-ħames sena sekondarja u ta' l-Iskola Sekondarja Għolja. Programmi bħal dawn se jinżammu darba fil-ġimgħa fl-istess post.

L-iskop ta' dawn il-programmi hu li li l-istudenti jiġu mħajjra bex japprezzaw aktar il-mużika, u l-letteratura Maltija u barranija.

Il-programm, li kien imtella' minn għadd ta' għalliema, studenti u nies oħra volontarji kien jinkludi xogħlijiet mużikali ta' Dvorjak u Klien, u xogħlijiet letterarji ta' Shakespeare, Ebejer u Massa. L-iskola tal-Mużika, taħt id-Direzzjoni ta' Miss Verra Maschat, kienet responsabbli għall-mużika, filwaqt li Albert Marshall ħa ħsieb il-produzzjoni.

* * *

## PREMJU GĦALL-AĦJAR KOMPONIMENT

Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onor. is-Sinjorina Agatha Barbara dan l-aħħar ippreżentat cheque ta' £M20 lis-Sur Charles Flores minn Birkirkara bħala għotja ta' l-ewwel premju għall-aħjar komponiment f'konkors ta' kitba bil-Malti li kien ġie mniedi mill-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura.

Dan il-konkors li ġie organizzat bil-għan li aktar nies jibdew jieħdu sehem attiv fil-qasam letterarju kien jinkludi suġġetti bbażati fuq il-ħajja soċjali u folkloristika ta' Malta.

Kif kien maħsub f'dan il-konkors, **"It-Tiġrijiet tal-Vitorja"** li huwa l-komponiment rebbieħ, għandu jiġi aktar tard ippreżentat mill-awtur stess fuq il-mezzi ta' Xandir Malta.

F'diskors qasir ta' l-okkażjoni, il-Ministru Barbara awgurat aktar suċċessi fil-qasam letterarju lis-Sur Charles Flores u ħabbret li se jiġi organizzat konkors letterarju ieħor fil-futur qarib.

Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm iċ-Chairman tal-Kunsill għal Kultura, is-Sur Victor Castillo, kif ukoll is-Segretarju tal-Kunsill, is-Sur John Schranz.



# inti u l-liġi

*Ġar tiegħi qiegħed ipoġġi xkejjer tal-melħ mal-ħajt li jaqsam daru minn dari. Jista' jagħmel dan?*

Le ma jistax. L-artikolu 456 (iii) igħid ċar u tond li l-ġar ma jistax iqiegħed demel jew ħwejjeġ oħra korrożivi jew niedja b'mod li jmissu mal-ħajt komuni. Jekk ikun hemm bżonn li jitbiddel il-ħajt minħabba l-ħsara ikkaġunata mill-melħ, dan għandu jsir a spejjeż ta' min ikkaġuna l-ħsara.

* * *

*Jekk tkun qed tuża biċċa art, jew dar, bla ma tħallas lil ħadd, wara kemm żmien issir proprjetarju ta' l-art jew tad-dar?*

L-artikolu 2248 tal-Kodiċi Ċivili igħid: "L-azzjonijiet kollha jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq 30 sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' issir minħabba n-nuqqas ta' titlu jew ta' bona fidi". Dan ifisser li anki jekk tkun taf il-ħaġa ta' min hi, u dan ma jagħtix każ tagħha għal 30 sena, il-ħaġa issir tiegħek. Iżda noqgħodu attenti! Dan, il-liġi tal-bniedem tagħmlu biex twissina ma nittraskurawx ħwejjiġna. Jista' pero' jkun li jkollok dritt *legalment* fuq ħaġa, imma *moralment* le.

* * *

*Jiena u ħuti propretarji ta' xi immobbli flimkien ma' oħrajn. X'uħud qegħdin Malta, oħrajn imsefrin, u oħrajn mietu u ħallew il-werrieta. Ma nistgħux naslu fi ftehim biex il-proprjetà tinxtara. Qegħdin indaħħlu tagħha ftit kull wieħed. X'nistgħu nagħmlu?*

Jekk qegħdin iddaħħlu ftit illum intkom, aħseb u ara x'se jmisshom uliedkhom! Allura, la ma jistax isir ftehim, jaqblilkom tagħmlu kawża biex jew issir il-qasma, jew il-proprjetà tinbiegħ bis-subbasta biex il-flus jinqasmu.

* * *

*Ommi u missieri għamlu testment, u billi jien bqajt xebba indur bihom, ħallewli legat "mill-għatba 'l ġewwa". Kien hemm min qalli li, għad li għandi dan il-legat, ħuti jaqsmu miegħi f'kollox, għax il-liġi inbidlet. Dan veru?*

Min qallek li l-liġi nbidlet ma kienx eżatt! Speċjalment dawn l-aħħar snin saru emendi mportanti ħafna. Imma dik il-parti tal-liġi li tmiss il-legat "mill-għatba 'l ġewwa" ma tbiddlitx. Pero' apparti minn kollox, jekk f'legat bħal dan ma jkunx hemm imniżżel il-kliem "inkluż l-oġġetti tad-deheb u ħaġar prezzjuż, u l-flus" min jieħu l-legat ikollu dritt għall-oġġetti kollha taddar, imma ma jkunx jista' jieħu d-deheb u l-flus. Mela ara jekk fit-testment tal-ġenituri tiegħek hemmx il-kliem "inklużi l-oġġetti tad-deheb u l-flus", biex, jekk m'hemmx jitniżżlu. Kwantu għal xi oġġetti mobbli u deheb li huma tiegħek għax xtrajthom int, biex żgur ma jkollokx inkwiet, itlob il-ġenituri tiegħek biex fit-testment jagħmlu dikjarazzjoni li dawk l-oġġetti (u jridu jsemmuhom ħaġa ħaġa) huma proprjetà tiegħek għax akkwistati minnek.

* * *

*Nixtieq nagħmel xi tibdiliet fid-dar tiegħi, nista?*

Jekk id-dar hi mikrija, ftakar li skond l-artikolu 1653 (1) tal-Kodiċi Ċivili, il-kerrej ma jista' jagħmel ebda tibdil mingħajr il-kunsens tas-sid. Jekk hi tiegħek, oqgħod attenta li x-xogħol isir skond il-liġijiet tas-sanità.

* * *

*Jiena armla. Jien u żewġi konna għamilna testment "unica charta" fejn ħallejna lil xulxin l-użufrott ġenerali. Issa nixtieq inkun naf nistax nagħmel testment ieħor biex lill-ulied ta' x'uħud minn uliedi li ma jibżgħux għall-flus inħallilhom xi legat.*

L-ewwelnett ara jekk fit-testment "unica charta" ħallejtux il-fakolta li min jibqa' ħaj l-aħħar ikun jista' jagħmel testment ieħor; għax jekk m'għandekx din il-fakoltà, u tagħmel testment ieħor, uliedek ikunu jistgħu joħdulek l-użufrutt. Jekk hemm din il-fakoltà, tista' tħalli xi legat lit-tfal tat-tfal li jidhirlek int, basta ma tesaġerax, b'mod li tiċħad lil uliedek mil-leġittima.

* * *

*Jien noqgħod f'dar li parti minnha hi ħanut. Jekk nibqa' inżomm il-ħanut fejn hu, u immur noqgħod f'dar oħra, il-Housing ikun jista' jeħodli d-dar ta' fejn hemm il-ħanut?*

Jekk id-dar mhix dekontrollata, jista'.

* * *

*Mara armla għandha għalqa. Meta miet żewġha ma riditx tikriha. Għalhekk tagħtha lil wieħed biex jaħdimha b'xejn, biex meta tkun tridha lura, teħodha. Issa talbithielu, u dan qalilha li ma jridx joħroġ, u li għandu dritt jibqa' hemm, għax hu flok iħallasha bi flus kien jibgħatilha xi prodotti. Għandu raġun?*

Għandu ċans tajjeb li, jekk iħaqqaqha miegħek fil-Qorti iġibha żewġ, għax l-artikolu 1622 tal-Kodiċi Ċivili igħid li "Il-kera jista' jikkonsisti sew fi flus, kemm f'xi kwantità ta' oġġetti jew ukoll f'sehem tal-frottijiet".

*Dwar Għawdex*

# AFFORESTAZZJONI

Għawdex huwa meqjus għal ħafna bħala "l-Ġnien ta' Malta" għas-sbuħija naturali li għandu x'joffri.

Għal bosta żmien kien meqjus bħala prinċipju li l-ħtieġa biex insebbħu l-ambjent, kien billi inħawwlu s-siġar u jsir użu aħjar minn art skartata u moħlija. Il-Gvern tal-lum kompla kampanja mibdija minn għad ta' pajjiżi li tiġbor fiha l-afforestazzjoni — biex bħal f'pajjiżi oħra, aħna wkoll f'Għawdex nagħmlu użu tajjeb minn art li qabel kienet imħolliha żdingata.

Fil-fatt, fil-Gżejjer Maltin il-fattur ta' l-art żdingata kienet differenti minn dak ta' pajjiżi oħra għaliex il-problema li sab quddiemu d-Dipartiment ta' l-Agrikultura ma kienitx dik li issib art lesta imma kellu joħloq hu stess din is-sura ta' art għall-afforestazzjoni. L-art limitata li sab il-Gvern kienet ta' l-agħar kwalità u għalhekk meta sab din l-art kellu jgħaddi mill-proċeduri kollha agrikoli. Barra minn hekk, problema oħra kienet u għadha, li l-art li ħafna drabi tiġi wżata għall-proġett ta' l-afforestazzjoni, hija viċin wisq il-baħar. Għaldaqstant id-Dipartiment ta' l-Agrikultura kellu jaħseb biex ikattar xitel li jgħixu qrib il-baħar.

Minkejja dawn id-diffikultajiet kollha, illum tħares lejn liema naħa tħares, u titbiegħed millibliet u rħula, bla ma trid bilfors tintebaħ b'l-ħidma kbira tad-Dipartiment tal-Biedja li matul dawn l-aħħar snin irnexxielu jbiddel art mogħxa fi proġetti ta' afforestazzjoni li bis-saħħa tagħhom qegħdin jagħtu dehra ġdida u isbaħ lil din il-gżira ċkejkna ta' Għawdex.

Matul dawn l-aħħar ħames snin tħawwlu f'Għawdex 'l fuq minn 75,000 siġra ornamentali u tal-frott. Dawn tħawwlu f'postijiet diversi. Fost dawn ta' min isemmi l-ġonna ta' l-Isptar Craig, ir-Rabat, l-estensjoni tal-Masġar Papa Ġovanni XXIII, Il-Qbajjar, ix-Xwejni, is-Sagħtrija limiti ta' Marsalforn, id-Dwejra, ġonna fl-iskejjel tal-Gvern fl-irħula kollha, il-Qortin fin-Nadur, u diversi postijiet oħra. Saru ħafna qatgħat u strips ġodda għall-fjuri madwar Għawdex u fil-Playing Fields ġodda. Ta' min jinnota li l-Gvern għal dawn l-aħħar snin għamel enfasi li jitħawwlu aktar siġar tal-frott flok siġar ornamentali biex il-produzzjoni tal-frott tkompli tiżdied. Dan wieħed jista' jarah fl-Isptar Craig u fil-Buskett Ulysses fl-Industrial Estate fejn għadd ta' siġar taċ-Ċitru ġew imħawwla.

Ta' min iżomm f'rasu li wieħed ma jkunx jista' jmexxi programm ta' l-afforestazzjoni, jekk ma jkollux moħħu mistrieħ li l-mixtliet ikunu fdati f'idejn għaqlija fejn il-pjanti jixxettlu b'mod xjentifiku biex jikbru fl-inqas żmien possibbli. Għal dan il-għan it-Taqsima ta' l-Ortikultura u dik ta' l-Afforestazzjoni tagħmel il-ħidma tagħha permezz ta' żewġ imxietel ewlenin: waħda dik tad-Dawwara, fir-Rabat u l-oħra tinsab f'Kerċem. Is-siġar tal-frott li jintużaw għall-proġetti ta' l-afforestazzjoni jitkabbru fil-Qasam Esperimentali tal-Gvern, fix-Xewkija.

Il-ħidma mwettqa s'issa mill-programm ta' l-Afforestazzjoni issa qed tidher sew. Bla dubju l-Gvern se jkompli b'dan l-isforz. Minkejja ħafna diffikultajiet li jiltaqa' magħhom. Għalhekk ikun xieraq kieku ilkoll kemm aħna nuru l-apprezzament tagħna lejn il-ħidma bla heda lejn dan id-Dipartiment tal-Biedja. Inkunu mhux biss minn ta' l-ewwel li nitgħaxxqu bil-ħdura tas-siġar imma inkunu kuraġġjużi li nċannfru lil kull min jagħmel atti ta' vandaliżmu f'dawn il-proġetti ta' l-Afforestazzjoni.

*Xena ferm sabiħa tal-Port ta' l-Imġarr u siġar iħaddru.*



*DAWRA MAL-GŻEJJER*

# L-IMDINA

L-aktar belt qadima ta' Malta hija l-Imdina, magħrufa bħala belt Grego-Romano imsejħa mill-ewlenin tal-gżira, Melita.

Ptolomy u Ċiċerun u kittieba oħra Rumani jsemmu din il-belt li kienet tissejjaħ Melita.

Il-Għarab, meta wara bosta snin ħadu dawn il-gżejjer tagħna, biex aktar ikunu jistgħu jiddefenduha, qassru u ċekknu din il-belt b'650 qasba u ġiebuha f'dawra ta' 565 qasba.

Fil-belt hekk imċekkna bi kważi wieħed minn ħamsa ta' l-oriġinal tagħha, l-Għarab bnew id-djar u l-kwartieri ewlenin ta' l-Emiri, tal-Mufti, u tal-Kadi. Mill-bqija tal-belt intgħamlet il-wesgħa kbira tas-Saqqajja u sar ir-Rabat.

Meta ċekknuha semmewha **Mdina** u baqgħet il-kapitali taħt in-Normanni, is-Swabjani, l-Angevini, l-Aragonizi, u sa l-ewwel żmien tal-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann.

Wara l-Kartaġiniżi, bħala belt ħielsa Melita ġiet mogħtija mir-Rumani Awtonomija Griega, bħal bliet ħielsa Sqallin, u wara ġiet imtalla' f'muniċipalita Rumana u baqgħet hekk sal-ħakma Biżantina.

Fl-aħħar żmien ta' l-Għarab, iċ-ċittadini nativi ħadu sehem fil-gvern tal-belt.

## IL-CONSIGLIO POPOLARE

In-Normanni wara li keċċew l-Għarab minn Malta fl-1090 reġgħu sawwru l-Muniċipalità tal-belt, u s-slaten Aragoniżi waqqfu l-"Consiglio Popolare" tal-Gżira.

It-tlugħ tal-Belt Valletta mill-Gran Mastru Ġwanni de la Valette Parisott kien lest għal bidu tas-sena 1571, u l-Gran Mastru Fra Pietru del Monte iddikjara l-belt il-ġdida, l-Kapitali ta' Malta fit-18 ta' Marzu.

Għalhekk l-importanza li kellha l-Imdina bħala l-belt ewlenija issa kien spiċċa, iżda hija żammet il-privileġġi antiki li tagħti ċ-ċwievet tal-belt u tagħti l-ħakma tal-gżria lill-Gran Mastru elett ta' l-Ordni ta' San Ġwann, u żammet il-muniċipalità tagħha u unuri oħra taħt il-ħakma tal-Kavalieri.

| |
|---|
| **Mill-Ktieb** |
| **"BLIET U RĦULA MALTIN"** |
| **ta' Alfie Guillaumier** |

Din il-Belt hi bogħod mill-Belt Valletta 7 mili.

Hawn min isejjaħ lil din il-belt bħala l-"Belt Ħiemda", iżda wieħed mill-iktar ismijiet li hi magħrufa bihom hu dak ta' "Citta Vecchia" (Belt il-Qadima).

L-arma ta' din il-Belt tixbaħ ħafna lil dik ta' Malta. Din tikkonsisti fi skud maqsum fi tnejn — minn x'uħud nofs aħmar u nofs abjad, kontra dak ta' Malta biex ma tkunx bħalha għal kollox.

Din hi l-unika belt f'Malta li baqgħet iż-żomm fiha dak l-ispirtu bikri, qishom għadhom igħixu fiha dawk in-nobbli u n-nies kbar li għollewha u kabbrulha isimha, iż-żmien fiha baqa' qisu wieqaf u xejn ma mexa biex laħħaq mal-bqija tal-bliet u irħula li mxew 'il quddiem wisq aktar minnha. B'danakollu tidħol fiha qishek tħoss il-kobor ta' din il-belt u l-atmosfera medjoevali Ewropeja iġġagħlek tħares lejha bl-akbar qima.

## KIF BEDA ISIMHA

Billi din il-belt bdewha l-Griegi (safejn hu magħruf) l-ewwel isem li nsibu li kellha hu ġej mill-Griegi. Dawn kienu semmew lill-Imdina "Melith", l-istess isem li kellha Malta fl-antik. Tista' tgħid li l-awturi kollha li ippruvaw jifhmu xi tfisser il-kelma "Melith", ilkoll tawha tifsir differenti, u għall-informazzjoni ta' kulħadd se nsemmu l-dawk li qarbu lejn is-sewwa.

Hawn min igħid li ġejja mill-kelma Mallit. Bochart jaħseb li kienet Melita mill-kelma Lhudija Melat li tfisser irdoss, billi l-Feniċi bil-bastimenti tagħhom fis-safar minn Tiro għall-Kadik, waqt il-maltemp kienu jidħlu għall-irdoss ġewwa l-portijiet tagħna. Setgħet kienet ukoll Malet li tfisser "tajn abjad", imsejjaħ minn x'uħud f'Malta billi d-djar f'dak iż-żmien kienu kollha mbajjdin bil-ġir bħalma huma tista' tgħid il-pajjiżi kollha tropikali.

Il-kelma Melite jaħsbu li hi Griega u mhux Feniċja bħalma jsostnu x'uħud, imbagħad it-taħsir tal-kelma għamlilha Melita bħalma baqgħu jsejħulha r-Rumani. It-tifsir ta' dil-kelma hu ġej minn Meli (għasel), jonkella Melitta (naħla), għall-għadd kbir ta' naħal u għasel li kienet tagħmel Malta f'dak iż-żmien.

Mal-ħakma Għarbija dan l-isem inbidel f'dak ta' Medina, li tfisser "belt".

Bil ftit 'il ftit din il-kelma tbiddlet f'Imdina, u baqgħet tissejjaħ hekk sal-lum.

Is-Sultan Alfonsu sejjħilha Notabile, iżda sa ftit taż-żmien ilu konna għadna nsejħulha Citta Vecchia, billi hija l-belt il-qadima ta' Malta.

## IL-PALAZZ MAĠISTRALI

Għal-lemin, kif nidħlu mill-bieb ewlieni u niġu f'daqsxejn ta' misraħ, kien hemm torri kbir li kien jiddomina fuq il-wied kollu tal-Lvant. Fl-1450 (Castagna 1454) bl-armar tas-Sultan Alfonsu meta ġie Malta, intħatt u floku nbniet il-Banca Giuratale (il-Parlament ta' dak iż-żmien)

Dan il-Palazz imsejjaħ ukoll "il-Qorti", wara sar Sptar Militari; baqa' abbandunat sakemm daqs mija u erbatax-il sena ilu ttieħed ċens £60 fis-sena għal 60 sena biex irranġawħ sptar bħal ma tgħid il-kitba li hemm bl-Ingliż fuq l-irħam taħt l-arma tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena, skolpita fuq il-bieb ewlieni.

Fil-21 ta' April, 1909, ir-Re Dwardu VII għamlu Connaught Hospital, iżda f'Novembru, 1956 ġie mitluq mis-Sanità u l-morda ttieħdu fi sptarijiet differenti.

Hawn ħadu f'idejh id-dipartiment tal-Mużew biex jiftaħ fih Mużew Folkloristiku u Storja Naturali. Sar fih xogħol ta' restawrar u llum huwa wieħed mill-attrazzjonijiet prinċipali ta' Malta.

## IT-TORRI

Quddiem dan il-Palazz sewwa jinsab it-Torri li fiż-żmien kien jagħmilha ta' għassies tal-Belt. Dan jissejjaħ "Torre dello Stendardo" jew kif kien magħruf it-torri li kien hemm qablu, "Torre Mastra".

## IL-BANKA TAL-ĠURATI

Il-Banka li hemm illum inbniet fl-1730 mill-Gran Mastru De Vilhena. Mela jekk din id-data hi korretta minbarra dik li waqqa' l-Isle Adam, x'imkien ieħor kien hemm oħra. Għaliex dawn iż-żewġ Gran Mastri l-wieħed għex fil-bidu ta' l-Ordni f'Malta u l-ieħor kważi fi tmiemha.

F'din il-Banka dak iż-żmien kien jiltaqa' l-Gvern tagħhom li huma kienu jsejħulu "Università".

L-Università kienet taħseb għal kollox — iġġib il-qmuħ minn Sqallija, it-tiswija tas-swar u kull ħtieġa oħra ta' responsabbiltà li għandu jerfa' l-Gvern.

Din il-Banka wara saret Skola tal-Gvern.

## IL-KATTIDRAL

Skond it-tradizzjoni din il-knisja nbniet fuq l-istess lok fejn kien hemm il-Palazz ta' Publju, Prinċep ta' Malta li wara sar l-ewwel Isqof. Dan il-Palazz ġie mibdul fi knisja minn San Pawl fis-sena 60, W.K. u ikkonsagrat għall-ġieħ tal-Madonna fis-Sema. Din it-tradizzjoni ġiet imsaħħa minn kitba fuq l-irħam li tinqara fil-knisja fuq il-bieb ewlieni.

Igħidu li l-knisja l-qadima kienet arkitettata bi stil Gotiku. Is-saqaf tagħha kien miżmum fuq tmien kolonni. Madwar l-1420 il-knisja ġiet imkabbra b'arkata oħra. Fl-1520 is-saqaf tal-knisja tpinġa minn pittur famuż Sqalli fejn tpinġew il-misterji mit-testment il-ġdid u l-qadim. Wara sarlu kor ieħor ġdid u l-ewwel ġebla tiegħu tqiegħdet mill-Isqof Molina fil-21 ta' Mejju, 1679.

Bit-terrimot li sar fil-11 ta' Jannar 1693, il-knisja saret ħerba, u għalhekk l-Isqof Cocco Palmieri u l-Kapitlu ddeċidew li jibnuh mill-ġdid.



IPPUBBLIKAT MID-DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI — STAMPAT FL-U.C.S. — STAMPERIJA TAL-GVERN